



Dokument ta' sessjoni

B9-0400/2021

6.7.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa
(2021/2777(RSP))

Leopoldo López Gil, Michael Gahler, David McAllister, Antonio Tajani, Paulo Rangel, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Antonio López-Istúriz White, Isabel Wiseler-Lima
f'isem il-Grupp PPE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa
(2021/2777(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari dawk tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fin-Nikaragwa¹ u tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Liġi dwar l-"Aġenti Barranin" fin-Nikaragwa²,
- wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra³,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni politika li qed tmur għall-aġar fin-Nikaragwa, id-dikjarazzjoni mill-keljem tiegħu tas-6 ta' Mejju 2021 dwar il-liġi elettorali l-ġdida, u d-dikjarazzjoni konġunta ta' 59 pajjiż dwar in-Nikaragwa fis-47 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fit-22 ta' Ġunju 2021,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar in-Nikaragwa attribwibbli għall-keljem tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, tat-28 ta' Mejju 2021, u l-aġġornament orali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Michelle Bachelet fl-okkażjoni tas-47 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-22 ta' Ġunju 2021,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-6 ta' Mejju 2021 tas-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) dwar l-elezzjoni tal-maġistrati tal-Kunsill Suprem Elettorali u r-riforma elettorali fin-Nikaragwa u r-riżoluzzjoni tal-OAS, tal-15 ta' Ġunju 2021, dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-bullettini ppubblikati mill-Mekkaniżmu Speċjali ta' Monitoraġġ għan-Nikaragwa (MESENI) u r-rimarki tal-Kummissarju Antonia Urrejola, President tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fis-Sessjoni Speċjali tal-Kunsill Permanenti tal-OAS tat-23 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa,
- wara li kkunsidra l-aġġornament dwar in-Nikaragwa fir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2020, adottat mill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2021,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2019 dwar in-Nikaragwa u t-testi konsekuttivi adottati b'riżultat tagħhom, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill

¹ ĠU C 255, 29.6.2021, p. 65.

² Testi adottati, P9_TA(2020)0259.

³ ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.

2019/1716 tal-14 ta' Ottubru 2019⁴, emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/606 tal-4 ta' Mejju 2020⁵, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019⁶, emendati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/607 tal-4 ta' Mejju 2020⁷ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1467 tat-12 ta' Ottubru 2020⁸ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998⁹ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹⁰,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,
 - wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fin-Nikaragwa kompliet tiddeterjora serjament wara r-ripressjoni vjolenti tal-protesti ċiviċi f'April 2018; billi minn April 2021, wara t-tielet anniversarju tal-protesti mifruxa li faqqgħu f'April 2018, mill-inqas 124 persuna ġew imċaħħda mil-libertà għal raġunijiet politiċi, u l-avversarji tal-gvern u l-familji tagħhom iħabbtu wiċċhom mat-theddida kostanti ta' fastidju, kemm fiżiku kif ukoll online, mill-pulizija u mill-partitarji tal-gvern; billi d-detenuati qed jiġu maltrattati fil-ħabs, imċaħħda mill-kura medika u mill-aċċess għall-avukati tagħhom, u qed isofru attakki u aġressjonijiet sesswali, filwaqt li l-persuni li jipprotestaw kontra l-gvern jitqiegħdu f'ċelel ta' sigurtà massima, fejn jiffaċċjaw sorveljanza, tfittxijiet u iżolament intensifikati; billi hemm tħassib partikolari dwar is-sitwazzjoni tan-nisa u l-adulti anzjani li qed jiċċaħħdu mil-libertà tagħhom;
- B. billi, b'riżultat tas-sitwazzjoni attwali, mill-2018 aktar minn 108 000 Nikaragwan ġew sfurzati jaħarbu u jfittxu asil f'pajjiżi ġirien, li tliet kwarti minnhom talbu protezzjoni fil-Costa Rica;
- C. billi fl-4 ta' Mejju 2021, l-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa għaddiet riforma tal-Liġi Elettorali 331, li tinkorpora liġijiet punittivi adottati reċentement li ġew ikkundannati mill-Parlament Ewropew; billi r-riforma msemmija tinkorpora wkoll regoli li jirrestrinġu l-kompetizzjoni elettorali u l-eżerċizzju tad-drittijiet politiċi li jillimitaw aktar il-parteċipazzjoni tal-oppożizzjoni politika demokratika, u tillimita l-libertajiet pubbliċi, li jmur kontra l-istandards internazzjonali u, b'mod partikolari, id-dritt li wieħed jipparteċipa fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi, il-libertà tal-assoċjazzjoni, il-libertà tal-espressjoni, id-dritt għal protesta soċjali, u d-dritt li wieħed jiddefendi d-drittijiet, fost l-oħrajn; billi dawn ir-riformi jinjoraw it-talbiet tal-oppożizzjoni, tas-soċjetà ċivili u tal-komunità internazzjonali;

⁴ ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1.

⁵ ĠU L 139I, 4.5.2020, p. 1.

⁶ ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58.

⁷ ĠU L 139I, 4.5.2020, p. 4.

⁸ ĠU L 335, 13.10.2020, p. 18.

⁹ ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 1.

¹⁰ ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 13.

- D. billi f'dawn l-aħħar ftit snin il-Gvern tan-Nikaragwa adotta liġijiet dejjem aktar restrittivi, bħal-Liġi għar-Regolamentazzjoni tal-Aġenti Barranin, il-Liġi Speċjali kontra ċ-Ċiberkriminalità, il-Liġi kontra r-Reati ta' Mibegħda, il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Persuni għall-Indipendenza, is-Sovranità u l-Awtodeterminazzjoni għall-Paċi, u l-Liġi li temenda l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, li żiedet il-perjodu ta' investigazzjoni għal 90 jum minflok it-terminu kostituzzjonali ta' 48 siegħa; billi dawn il-liġijiet jistituzzjonalizzaw ir-ripressjoni u jillegalizzaw l-atti li twettqu fil-pajjiż mill-adozzjoni tagħhom;
- E. billi l-Kunsill Elettorali Suprem il-ġdid huwa korp li jissorvelja u jamministra l-proċess elettorali fin-Nikaragwa; billi dan huwa proċess li għandu jġi ġestit minn korp imparzjali, indipendenti u trasparenti li jirrispetta l-prinċipji demokratiċi u l-eżerċizzju effettiv u pluralistiku tad-drittijiet ċivili u politiċi tal-popolazzjoni; billi l-membri tal-Kunsill Elettorali Suprem inħatru mill-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa li hija kkontrollata b'id soda minn Ortega; billi dan jagħmel lill-Kunsill Elettorali Suprem korp preġudikat u mhux trasparenti u jkompli jdgħajjef il-proċess politiku; billi dawn il-ħatriet, flimkien mar-riformi elettorali reċenti, mhumiex ir-riżultat ta' djalogu bejn il-gvern u l-gruppi tal-oppożizzjoni, mitlub ripetutamente mill-UE u l-komunità internazzjonali, iżda ġew imposti mill-maġġoranza fil-gvern;
- F. billi l-awtoritajiet tan-Nikaragwa f'dawn l-aħħar ġimgħat xoljew żewġ partiti politiċi mingħajr proċess ġust u bl-użu ta' metodi li jmorru kontra n-normi internazzjonali; billi x-xoljiment tal-partiti politiċi u l-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali politikament motivati li jistgħu jwasslu għall-iskwalifika ta' kandidati tal-oppożizzjoni demokratika mhux biss jimminaw id-dritt ta' kandidati aspiranti li joħorġu għall-elezzjoni, iżda wkoll id-dritt tal-votanti li jeleġġu l-kandidati tal-għażla tagħhom; billi dawn il-miżuri, flimkien mal-użu politiku tas-sistema ġudizzjarja, imorru kontra l-prinċipji demokratiċi bażiċi u jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-poplu tan-Nikaragwa skont il-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa u d-dritt internazzjonali;
- G. billi mill-bidu ta' Ġunju 2021, mill-inqas 20 membru tal-oppożizzjoni, inklużi ħames kandidati presidenzjali, żewġ mexxejja tat-trade unions u tliet mexxejja politiċi, ġew arrestati b'mod arbitrarju fuq kunċetti kriminali ambigwi u politikament motivati, mingħajr evidenza suffiċjenti, bi ksur serju tal-garanziji proċedurali; billi għexieren ta' avversarji prominenti jirrapportaw fastidju sistematiku u li qed jgħixu taħt intimidazzjoni kostanti, u l-pulizija jinsabu stazzjonati b'mod kważi permanenti quddiem djarhom jew isegwuhom fit-triq, u b'hekk ma jħalluhomx jiċċaqilqu liberament;
- H. billi l-fastidju kontinwat tal-media indipendenti jillimita d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u jdgħajjef id-dritt tal-pubbliku li jkun infurmat kif xieraq; billi l-libertà tal-espressjoni, kemm online kif ukoll offline, hija kruċjali għal kwalunkwe demokrazija f'kull ħin, iżda hija ta' importanza kbira matul perjodu elettorali;
- I. billi dawn l-iżviluppi inkwetanti taħt is-supervizzjoni tal-Gvern tan-Nikaragwa juru bla dubju li r-reġim qed ixaqleb dejjem iktar lejn l-awtoritarjaniżmu billi qed jagħlaq l-ispazju għad-demokrazija, il-fehim nazzjonali u l-medjazzjoni internazzjonali lejn soluzzjoni paċifika għall-kunflitt, u jimpedixxi b'mod ċar li fis-7 ta' Novembru 2021 jsiru elezzjonijiet ħielsa u ġusti;

- J. billi kważi l-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem lill-Istat tan-Nikaragwa ma ġiet implimentata;
- K. billi hemm allegazzjonijiet li n-Nikaragwa qed tirriċikla d-deheb mill-Compañía General de Minería de Venezuela, li ġiet inkluża fil-lista ta' persuni u entitajiet sanzjonati mill-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Assi Barranin (OFAC) tal-Istati Uniti għal operazzjonijiet illeċiti; billi r-riformi tal-Liġi tal-Konsumatur (Liġi 842) mill-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa jobbligaw lill-banek jifih kontijiet għall-qraba ta' persuni li ġew sanzjonati mill-Gvern tal-Istati Uniti u minn pajjiżi oħra akkużati b'korruzzjoni, ħasil tal-flus u ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-popolazzjoni tan-Nikaragwa u jikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet repressivi kollha tal-awtoritajiet tan-Nikaragwa kontra membri tal-partiti tal-oppożizzjoni, ġurnalisti u ħaddiema oħra tal-media, studenti, popli indiġeni, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, kif ukoll il-membri tal-familji tagħhom, u b'mod partikolari l-imwiet ikkawżati; jappella għall-waqfien immedjat tal-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi, ir-repressjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u jappella sabiex tittieħed ir-responsabbiltà għall-ksur gravi mwettaq mill-2018 mill-Gvern tan-Nikaragwa;
 2. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha detenuti b'mod arbitrarju, fosthom il-kandidati presidenzjali potenzjali Cristiana Chamorro, Arturo Cruz, Félix Maradiaga, Juan Sebastián Chamorro u Miguel Mora, il-mexxejja politiċi José Pallais, José Adan Aguerra, Dora María Téllez, Hugo Torres, Víctor Hugo Tinoco, Violeta Granera, Ana Margarita Vijil, Suyén Barahona u Pedro Joaquín Chamorro u attivisti oħrajn tal-oppożizzjoni; jitlob, barra minn hekk, li r-rispett tas-salvagwardji legali fundamentali, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom jiġu żgurati; ifakkar li għandhom jingħataw assigurazzjonijiet sħaħ lil dawk li jinsabu fl-eżilju biex ikunu jistgħu jirritornaw lura lejn pajjiżhom;
 3. Jitlob lill-Gvern tan-Nikaragwa jneħħi l-istat de facto ta' assejju, jirrispetta r-rwol tal-pulizija nazzjonali bħala forza mhux politika, mhux partiġġjana u mhux deliberattiva, jiddiżarma l-forzi paramilitari, jikkonforma mal-ftehimiet iffirmati mal-Alleanza Ċivika u jerġa' jagħti lura d-drittijiet liċ-ċittadini; itenni t-talba tiegħu lill-gvern biex jippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili joperaw f'ambjent sikur u abilitanti, mingħajr biża' ta' azzjonijiet ta' tpattija;
 4. Itenni t-talba tiegħu għall-istabbiliment mill-ġdid tad-djalogu inklużiv u d-demokrazija bħala l-uniku mod ta' ħruġ paċifiku mill-kriżi politika, ekonomika u soċjali fin-Nikaragwa; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu adottati riformi b'mod inklużiv u trasparenti;
 5. Ihegġegħ lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jagħmlu bidliet fil-Liġi Elettorali bi qbil mal-parametri internazzjonali mitluba mill-OAS fir-riżoluzzjoni tagħha tal-21 ta' Ottubru 2020, biex jaħtru persuni imparzjali fl-istrutturi elettorali differenti, biex jergħu idaħħlu l-istatus legali tal-partiti li kien tneħħielhom, biex jirrispettaw id-dritt tal-poplu tan-Nikaragwa li jeleġġi u li jiġi elett, u biex jiggarantixxu l-preżenza bla restrizzjoni tal-korpi ta' osservazzjoni elettorali nazzjonali u internazzjonali filwaqt li jimpenjaw ruħhom għall-koeżistenza politika wara l-elezzjonijiet; jenfasizza li sabiex l-

elezzjonijiet u l-gvern li jirriżulta jiġu rikonoxxuti, il-bidliet mitluba mill-OAS u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jridu jiġu implimentati, b'mod partikolari l-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet u l-libertajiet li jagħmlu possibbli proċess elettorali ħieles, kredibbli u ekwu; jikkonkludi li fin-nuqqas ta' riformi bħal dawn il-Parlament Ewropew mhux se jirrikonoxxi r-riżultati tal-elezzjonijiet;

6. Jikkundanna l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġijiet restrittivi u punitivi u jitlob ir-revoka immedjata tagħhom; jenfasizza li dawn il-liġijiet imorru kontra d-drittijiet u l-libertajiet tal-poplu tan-Nikaragwa kif minquxa fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika tan-Nikaragwa, il-Karta Demokratika Inter-Amerikana u trattati internazzjonali oħra li n-Nikaragwa hija firmatarja tagħhom; jirrifjuta l-użu mhux korrett tal-istituzzjonijiet u l-liġijiet mill-gvern awtoritarju tan-Nikaragwa bl-intenzjoni li jikkriminalizza l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-avversarji politiċi;
7. Itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa biex jippermettu aċċess mingħajr impedimenti lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (OHCHR), lill-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem(IACHR), lill-Grupp Interdixiplinarju ta' Esperti Indipendenti (GIEI), lill-Mekkaniżmu Speċjali ta' Monitoraġġ għan-Nikaragwa (MESENI) u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili u lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa;
8. Jistieden lit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) tistabbilixxi l-koordinazzjoni meħtieġa mal-OFAC biex tiżgura s-sigurtà finanzjarja internazzjonali fil-konfront tal-operazzjonijiet illeċiti li joriġinaw mir-reġim Ortega-Murillo u l-kollaboraturi tiegħu u r-relazzjonijiet kummerċjali u l-assi tagħhom fil-pajjiżi Ewropej; jissottolinja l-fatt li n-Nikaragwa ilha mniżżla fil-lista s-sewda mill-FATF minn Ottubru 2020;
9. Jitlob li l-Kunsill jespandi malajr il-lista ta' individwi u entitajiet li għandhom jiġu sanzjonati, inklużi l-President u l-Viċi President tan-Nikaragwa u ċ-ċirku intern tagħhom, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari biex ma ssir l-ebda ħsara lill-poplu tan-Nikaragwa; ifakkar li, fid-dawl tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali, in-Nikaragwa jeħtiġilha tirrispetta u tikkonsolida l-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, u jtenni t-talba tiegħu li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali, tiskatta l-klawżola demokratika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
10. Jistieden lis-Segretarjat għall-Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali u lill-Istati Membri tiegħu biex ikollhom rwol attiv fid-difiża, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fin-Nikaragwa, kif stabbilit fil-Protokoll ta' Tegucigalpa tal-1991 u fit-Trattat Qafas dwar is-Sigurtà Demokratika fl-Amerika Ċentrali tal-1995, li jenfasizza li huwa bbażat fuq id-demokrazija, il-gvernijiet eletti b'suffraġju universali ħieles u sigriet u r-rispett bla kondizzjoni għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi tar-reġjun tal-Amerika Ċentrali;
11. Jirrikonoxxi u jappoġġa l-isforzi u l-ħidma pożittiva li saret mid-Delegazzjoni tal-UE fin-Nikaragwa f'ambjent kumpless ħafna u jitlob li l-Konferenza tal-Presidenti tagħha tibgħat misjoni ta' ġbir ta' informazzjoni fin-Nikaragwa sabiex tivvaluta s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u politika fil-pajjiż;
12. Itenni t-talba tiegħu, mir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019, għall-estradizzjoni

immedjata ta' Alessio Casimirri, li għadu jgħix f'Managua taħt il-protezzjoni tal-Gvern tan-Nikaragwa, lejn l-Italja, fejn irid jiskonta sitt sentenzi definittivi ta' għomor il-ħabs għall-involviment ippruvat tiegħu fil-ħtif u l-qtil tal-ex prim ministru u mexxej tal-partit Demokristjan Aldo Moro u l-qtil tal-gwardji tiegħu f'Ruma fis-16 ta' Marzu 1978;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-Parlament tal-Amerka Ċentrali, lill-Grupp ta' Lima, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tan-Nikaragwa.